**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 14

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 20 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Diane Abela Penza – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm ittra waħda mingħand is-Sa Diane Abela Penza, fejn talbet biex tiġi skużatha. Din it-talba ġiet unanimanent aċċettatha. Kopja ta' din it-talba ser tkun annessa mal-minuti.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 13

14.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tlettax il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

14.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

14.2.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia, li kien issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini l-minuti tat-tlettax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

*Il-ħin kien 17:32 x'ħin daħal fil-kamra l-Kunsillier Betts*

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif diġà kien qal fl-aħħar laqgħa, li rnexxilu jagħmel appuntament mal-Cleansing Department però dan l-appuntament tħassar fil-ġurnata u ser jiġi propost għal ġurnata oħra. Fuq l-istess nota fil-latrina għadhom lanqas ma ġewx jirranġaw il-problema tad-dawl u S-Sindku stqarr li dan mhux aċċettabli aktar. Huwa tal-parir li l-Kunsill għandu jordna earthelectrode u switch u jsir it-test ta' l-Enemalta biex din tiġi fl-ordni. Is-Sur Dalli kompla jgħid li huwa tajjeb ukoll li l-Kunsill jagħmel tabella pulita biex turi li din il-faċilita, l-Kunsill huwa responsabbli biss minnha mit-tindif ta' kuljum u manutenzjonijiet żgħar BISS.

14.3.2 Is-Sur Dalli spjega kif huwa beda jaħdem fuq il-fuljett u talab lil kunsilliera kollha biex min għadhu ma preżenta xejn, jippreżenta l-artiklu tiegħu għand is-Segretarju Eżekuttiv, sal-aħħar tal-Ġimgħa d-dieħla.

14.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-problema tal-iskart taċ-ċimiterju. Huwa qal din tidher li ġiet solvutha. Kompla jispjega kif l-iskart se jibda jinġabar darba kull erba ġimgħat u bħala skart organiku. Il-Problema ta' kif kienu qed jinħadmu l-kontijiet ġiet riżolta wara laqgħa li huwa kellu mar-Reġjun fejn ġie maqbul li minn Awwissu 2024 sa Diċembru 2024 il-kont ser jinqasam bejn il-Kunsill u r-Reġjun. Għalhekk ser jinħareġ kont ġdid biex b'hekk kollox jiġi settled inkluż l-ammont li kien inżamm żejjed lill-Kunsill.

14.3.4 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kollha kif is-surmast tal-iskola primarja talbu jirringrazzja lil Kunsill kollu tal-għajnuna li ngħatat bil-kotba waqt il-ġurnata ta' rikonoxximent annwali.

14.3.5 Is-Sindku tkellem fuq il-Lija walking Tour li sar mar-Reġjun ġewwa Ħal Lija stess. Huwa qal kif dan kien interressanti ħafna u minnu deher biċ-ċar li hemm it-talba għal iktar attivitajiet kulturali bħal dawn fil-futur qarib.

14.3.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif wara l-kuntatt li għamel huwa stess, fil-jiem li ġejjien ser jintbgħatu xi ħaddiema tal-public Works biex jgħinu b'xi xogħlijiet ta' rikreazzjoni u tibjid fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

## 14.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 14.5 Korrispondenza

14.5.1 Mistoqsijiet dwar ir-rapport tal-korrispondenza ma kienx hemm.

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Finali għas-sena 2024

14.6.1 Dan ir-rapport għadu mhux lest għaliex l-accountant infurmat lil Kunsill kif għadha trid tibda taħdem fuq l-adjustments li ntbgħatu mill-awdituri. Dan ir-rapport ser jerġgħa jitella fis-seduta li jmiss ta' Ġunju għall-approvazzjoni.

## 14.7 Preparazzjonijiet Għal Jum Ħal Lija 2025

14.7.1 Is-Sindku tkellem fejn qal li qed jiġi preparat il-qafas tal-programm biex il-Kunsill bejn wieħed u ieħor jkollu fuq xiex jimxi u jibda japprova ċertu attivitajiet. Dan il-programm mhux ser ikun finali u l-attivitajiet msemmija fih huma suġġetti għat-tibdil flimkien mad-data li fihom tkun ser issir l-attivita. Id-dati ta' meta jsiru l-attivitajiet jaf jinbidlu skond il-bżonn.

14.7.2 L-ewwel draft tal-programm ġie preżentat kif ġej:-
Tlieta 1 ta' Lulju – Dawra kulturali mar-raħal filgħaxija bejn 6:00pm u 8:00pm;
L-Erbgħa 2 ta' Lulju - BBQ tal-anzjani fil-ġnien tal-Ministeru;
Ħamis 3 ta' Lulju – Attivita għal Familja kollha fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku qal kif huwa ser jiprova jiftiehem anke mal-għaqdiet bħal tat-tennies, tal-boċċi u tal-padel biex dakinhar huma wkoll jiftħu u jieħdu sehem. Ikun hemm diversi rokniet, ta' logħob bħal chess kbira, rokna qari għat-tfal li qed taħdem fuqha s-Sa Abela Penza, forsi attivitajiet ta' sports/fitness etc.
Ġimgħa 4 ta' Lulju – Pasta/ pizza/disco night għal kulħadd fil-Pjazza. Is-Sindku ser jitkellem mal-Każin tal-Banda San Pio X biex jara ux interessati jieħdu ħsieb din l-attivita u l-kunsill jieħu biss ħsieb li jġib u jħallas l-entertainment. Il-ħsieb tas-Sindku kien anke li minn din l-attivita tingħata donazzjoni għal Puttinu.
Sibt 5 ta' Lulju – pool party għaż-żgħażagħ
Ħadd 6 ta' Lulju – issir quddiesa ta' ringrazzjament fi 9:30am u ssir l-għotja ta' Ġieħ Ħal Lija u wara jkun hemm ftit kafè u te u xi finger food ħafif.
Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni għall-attivitajiet msemmija.

14.7.3 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif sa dakinhar tas-seduta, nominazzjonijiet għal ġieħ Ħal Lija ma kienx hemm. Pero huwa qal li l-Kunsill irid jiftakar li din is-sena hemm il-mitt sena tal-kamra tan-nar. Huwa xieraq li tingħata lil għaqda tan-nar xi ħaġa globali lil għaqda kollha. Is-Sindku qal kif biex tingħata bħala ġieħ, dejjem saret u ingħatat medalja bi kukkarda. Huwa qal kif mar għand ħanut tal-ġojjelli u ġab informazzjoni li din il-medalja, silverplated però in gold, jaf tiswa 360 EUR u bi discount 310 EUR. Huwa tal-fehma li din l-medalja minnflokk tibda tingħata ġo kaxxa sabiħa biex tkun tista titgawda mill-għaqda kollha bħal qisu nkwatru u lil kull membru fl-għaqda umbgħad jingħata ċertifikat individwali ta' rikonoxximent. Il-Kunsilliera qablu.

14.7.4 Is-Sur Dalli qal kif il-ħidma u aktar preparazzjonijiet ser ikomplu fuq Jum Ħal Lija fil-jiem li ġejjien u aktar dettalji ser ikomplu jingħataw il-quddiem u fis-seduta li ġejja. Il-Kunsilliera ser jinżammu aġġornati dejjem.

## 14.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

14.8.1 <u>Talba fi Triq il-Vittmi tal-Kamra tan-Nar</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill imejl mibgħutha mingħand residenta dwar xi talbiet li hija qed tagħmel fi Triq il-Vittmi tal-kamra tan-Nar. Hija għandha talba biex din it-triq tingħalaq bil-bollards u ssir pedestrian u kif ukoll qed tilmenta li quddiemha hemm biċċa joqgħod l-ilma biex jara l-Kunsill x'jista jagħmel dwar din il-problema.

14.8.2 Is-Sindku qal kif huwa tal-opinjoni li jekk ma ssirx it-triq sax-xitwa, jekk filkas il-Kunsill jieħu ħsieb u jagħmlu biċċa patching sew quddiem il-bieb. Dwar it-talba biex it-triq tiġi pedestrian is-Sindku talab lil Kunsilliera kollha biex jaħsbu fuqha din it-talba. Is-Sur Dalli qal kif huwa diġà anke tħadded ma' din ir-residenta għax talbet biex tiltaqgħa miegħu.

14.8.3 <u>Kunsiderazzjoni – installazzjoni ta' poġġaman tal-ħadid fit-taraġ tal-ġnien ta' ma'ġenb it-Torri</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda talba biex jiġi installat poġġaman tal-ħadid mat-taraġ li jagħti għal Ġnien Ċentru Rikreattiv minn naħa tal-ġenb tat-torri. Dan intalab minn xi resident li jgħaddi ta' spiss minn hemm.

14.8.4 Il-Kunsill kollu unanimament approva din it-talba.

14.8.5 <u>Risposta mingħand AKL dwar il-community Garden fi Triq Robert Mifsud Bonniċi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update lil Kunsilliera dwar l-inizjattiva ta' community gardens li kienet ħarġet mill-AKL ma' Parks Malta back dated minn 2021. Is-Sa Seguna qalet li wara tfittxija li għamlet u aktar komunikazzjoni li kellha mal-AKL, finalment irriżulta li din l-iskema m'għadhix inseħħ mill-AKL. L-AKL spjegat kif din ma komplietx tiġi mplementatha għaliex Parks Malta qatt ma baqgħet tikkonsulta magħhom. L-AKL provat tgħin mill-aħjar li tista f'dan ir-rigward, però din l-inizjattivita m'għadhix valida.

14.8.6 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota.

14.8.7 <u>Feedback dwar it-talbiet tal-Bus Shelters mal-AKL u Faces Ltd</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv tat feedback dwar it-talbiet tal-Kunsill tal-bus shelters fi Triq Annibale Preca u Triq Kardinal Ferretti. Fil-qosor hija tat rendikont fejn qalet li l-ewwel saret komunikazzjoni mal-AKL u l-AKL tat id-dettalji tal-Kuntrattur lil Kunsill biex jitkellem miegħu dirett. Wara kompliet tgħid kif riċenti il-Kunsill iltaqgħa online mal-kuntrattur fejn ġie mistoqsi meta huwa l-pjan li jsiru dawn il-bus shelters.

14.8.8 Il-Kuntrattur ta' Faces spejga lil kunsill kif huma l-unika kumpanija awtorizzati minn TM li jibnu bus shelters madwar Malta u Għawdex kollu u bħalissa qed jistennew l-approvazzjoni ta' TM fuq sketch/mudell ta' shelter qabel ma tibda l-implimentazzjoni. Il-Kuntrattur spjega wkoll kif TM ikklassifikat il-lokalitajiet f'erba gruppi bħala priorita ta' fejn għandhom isiru l-bus shelters l-ewwel. Il-Kuntrattur spjega li sar studju fejn raw fuq kull stage kemm jitilaw u jinżlu nies kuljum u bħala priorita Transport Malta ser tkun qed timxi fuq dan l-istudju ma' Faces. Issa f'Ħal Lija dawn iż-żewġ stages ikkumparati ma' stages fi lokalitajiet oħra u main roads, il-verita hija li mhumiex daqshekk iffrekwentati allura jaf il-kunsill baqalu ftit oħra x'jistenna.

14.8.9 Il-Kuntrattur fuq parir tiegħu, wara l-meeting ġie mogħti mill-Kunsill il-bus code taż-żewġ stages biex ikun jista jiċċekkjaw eżatt bħala proċess fiex waslu u fl-liema grupp Ħal Lija qiegħda kklassifikata. Il-Kuntrattur għandu jerġa jkellem lil Kunsill fil-jiem li ġejjien. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota.

14.8.10 <u>Konkos – Triq Mons Joseph Fenech Sqaq nru 1</u>

Tressqet talba biex sakemm issir it-triq, issir ftit konkos f'parti minn Triq Mons Joseph Fenech Sqaq nru 1, għaliex din vera mħarbta u perikoluża.

14.8.11 Il-Kunsill kollu unanimament approva din it-talba.

14.8.12 <u>Mera – Triq San Alwiġi Consaga</u>

Saret talba mal-Kunsill Lokali biex titweħħel mera fi Triq San Alwiġi Consaga ħdejn dar numru 15.

14.8.13 Il-Kunsill approva din il-mera.

14.8.14 <u>Kunsiderazzjoni biex titneħħa Loading/unloading bay</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-kunsiderazzjoni ta' kulħadd biex tineħħa l-loading/unloading bay minn quddiem il-ħanut Apap Store fi Triq Sir Ugo Mifsud, għaliex dan għalaq.

14.8.15 Il-Kunsill unanimament qabel li din il-kaxxa la m'għandhix aktar użu għandha titneħħa.

14.8.16 <u>Talba DYL – Triq Tal-Mirakli</u>

Tressqet talba biex jiġi mplementat double yellow line fi Triq tal-Mirakli quddiem garaxx. Fuq il-mejda tpoġġa ritratt tas-sit, fejn qed jintalab dan id-double yellow line.

14.8.17 Il-Kunsill approva din it-talba.

14.8.18 <u>Talba MC Bay – Triq Sant Andrija</u>

Tressqet talba biex jiġi mplementat MC Bay fi Triq Sant Andrija. Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet ritratt fuq il-mejda biex turi fejn qed tiġi mitluba din l-MC Bay.

14.8.19 Il-Kunsill approva din it-talba.

14.8.20 <u>Talba sleeping policeman – Triq Sir Ugo Mifsud</u>

Tressqet talba biex tiġi mplementatha sleeping policeman fi Triq Sir Ugo Mifsud viċin fejn kien Apap Store.

14.8.21 Il-Kunsill approva din it-talba.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

14.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 05/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €90.60 għax-xahar ta' April 2025.

14.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 05/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Carl Betts. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 14.10 Mozzjonijiet

14.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 14.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

14.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA – 07593/24 – 51, Triq San Alwiġi Gonsaga c/w 13, Triq il-Vittmi tal-Kamra tan-Nar, Lija
PA – 02730/25 – Triq Agostino Portelli, Lija

14.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

14.11.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, ma jsirux ittra ta' rappreżentazzjoni.

14.11.4 Is-Sinjura Seguna fl-assenza tas-Sa Abela Penza staqsiet mistoqsija fuq permess numru PA 3090/25 (Iklin Nursery-Triq Robert Mifsud Bonniċi) li dan ma kienx hemm kummenti fuqu mit-town planner, pero s-Sa Abela Penza xtaqet aktar klarifikazzjonijiet fuqu. Is-Sinjura Seguna qalet li s-Sa Abela Penza tixtieq li t-town planner tiġi mistoqsija jekk għandix aktar informazzjoni dwar dan il-PA u jekk mhux ser isir tħaffir li jaf jaffetwa il-pedamenti tad-djar li hemm jmissu fuq wara tan-nursery fi Triq Mario Agius u Triq Mikielanġ Borg. Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti qablu li diment li ma kienx hemm kummenti mit-town planner, il-Kunsill le m'għandux jagħmel ittra ta' rappreżentazzjoni. Residenti li joqgħodu fit-toroq msemmija jistgħu jagħmlu ittra ta' rappreżentazzjoni huma jekk jaħsbu li dan il-PA jaf jaffetwalhom il-pedament għaliex ser jaffetwa lilhom fuq livell personali. Il-Kunsill Lokali dejjem jikteb biss b'mod ġeneriku għal benessere tal-lokal kollu fejn tidħol il-local plan u mhux għal benessere individwali. Pero xorta alijistajkun ser isiru xi klarifiki żgħar mat-town planner biex kulħadd ikollu moħħu mistrieħ.

## 14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

14.12.2 Il-Kap tal-Minoranza s-Sa Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku jekk kellux aktar komunikazzjoni u update dwar il-magna tal-BCRS li kellha tiġi nstallatha ġewwa Ħal Lija. Is-Sindku wieġeb kif le sissa ma kellux aktar feedback.

14.12.3 Il-Kunsillier Betts qal kif huwa ġie avviċinat bi żewġ proposti minn naħa tal-Kunsill tat-tfal. L-ewwel proposta hija biex issir pantomina, preferibbilment ssir Villa Lia qrib il-Milied u forsi biex din titella jingħaqdu anke mal-għaqda teen mums. It-Tieni proposta hija biex issir sports day. Is-Sindku qal kif din it-tieni proposta tista tiġi nkorporatha mal-attivita għall-familja kollha fil-ġimgħa ta' attivitajiet ta' Jum Ħal Lija. Ukoll is-Sur Dalli qal li l-Kunsill irid ikollu idea u aktar nformazzjoni dwar kemm bejn wieħed u ieħor ser tiswa kull proposta. Ġie deċiż li l-Kunsill ser jagħmel kuntatt mal-persuna li qed tieħu ħsieb tmexxi dan il-Kunsill tat-tfal biex tingħata aktar informazzjoni lil Kunsill Lokali ħalli tinstab way forward.

14.12.4 Il-Ħin kien 6:30pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 18 ta’ Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |